Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/0814(NLE)

14.11.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħatra proposta ta' João Leão għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri
(C9-0397/2023 – 2023/0814(NLE))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Mikuláš Peksa

PR_NLE_art108

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....3

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' JOÃO LEÃO.....4

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' JOÃO LEÃO GĦALL-KWESTJONARJU.....6

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħatra proposta ta’ João Leão għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C9-0397/2023 – 2023/0814(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0397/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 129 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

A. billi, bl-ittra tal-25 ta’ Ottubru 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-ħatra ta’ João Leão għall-kariga ta’ Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

B. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b’mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; billi, fil-qafas ta’ din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju miktub li kien indirizzat lilha;

C. billi dan il-Kumitat imbagħad, fid-29 ta’ Novembru 2023, ipproċeda b’seduta ta’ smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari, u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti opinjoni favorevoli / negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta’ João Leão għall-kariga ta’ Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta’ informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-awditjar tal-Istati Membri.

ANNESS 1: *CURRICULUM VITÆ* TA' JOÃO LEÃO

JOÃO LEÃO

Nazzjonalità: Portugiż

Data u post tat-twelid: 15 ta' Frar 1974, Liżbona, il-Portugall

BIJOGRAFIJA

Bħalissa, João Leão huwa l-Professur tal-Ekonomija u l-Finanzi Pubbliċi u l-Viċi Rettur fl-ISCTE – l-Istitut Universitarju ta' Liżbona. L-interessi tar-riċerka tiegħu jinkludu r-regolamentazzjoni ekonomika, il-finanzi pubbliċi u l-makroekonomija.

João Leão kien il-Ministru tal-Istat għall-Finanzi tal-Portugall mill-2020 sal-2022 u s-Segretarju tal-Istat għall-Baġit mill-2015 sal-2020.

Mill-2010 sal-2014 kien Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju tar-Riċerka tal-Ministeru tal-Ekonomija. Qabel dan, kien il-Professur tal-Ekonomija fl-Istitut Universitarju ta' Liżbona u fl-Iskola tan-Negozju u l-Ekonomija Nova.

João Leão kiseb id-Dottorat tiegħu fl-Ekonomija mill-Istitut tat-Teknoloġija ta' Massachusetts (MIT) fl-Istati Uniti u l-lawrji tiegħu ta' Master u Baċellerat fl-Ekonomija mill-Iskola tan-Negozju u l-Ekonomija Nova.

Bħala parti minn dmirijietu bħala Ministru għall-Finanzi, huwa rrappreżenta lill-Portugall bħala Gvernatur tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Grupp tal-Bank Afrikan tal-Iżvilupp, il-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp, il-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura, il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp u l-Bank Dinji.

Huwa kien ukoll President tal-Kunsill ECOFIN matul il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2021 u President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp bejn l-2021 u l-2022.

EDUKAZZJONI

2008	Dottorat fl-Ekonomija, Istitut tat-Teknoloġija ta' Massachusetts (MIT)
2003	Lawrja ta' Master fl-Ekonomija, Skola tan-Negozju u l-Ekonomija Nova
1999	Lawrja ta' Baċellerat fl-Ekonomija, Skola tan-Negozju u l-Ekonomija Nova

ESPERJENZA PROFESSJONALI

2022 – preżent	Professorat tal-Ekonomija u l-Finanzi Pubbliċi u Viċi Rettur fl-Istitut Universitarju ta' Liżbona
2020 – 2022	Ministru tal-Istat għall-Finanzi
2015 – 2020	Segretarju tal-Istat għall-Baġit
2014 – 2015, 2008–2010	Assistent Professur, Dipartiment tal-Ekonomija, Istitut Universitarju ta' Liżbona
2010 – 2014	Direttur Ġenerali, Uffiċċju tar-Riċerka tal-Ministeru tal-Ekonomija
2000 – 2008	Assistent, Istitut Universitarju ta' Liżbona
1999 – 2000	Assistent għalliem subaltern tal-Ekonomija, Skola tan-Negozju u l-Ekonomija Nova

ATTIVITAJIET PROFESSJONALI OĦRAJN

2021 – 2022	President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp
2020 – 2022	Membru tal-Bord tal-Gvernaturi, Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà; Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp; Bank Ewropew tal-Investiment; Bank Afrikan tal-Iżvilupp; Bank Asjatiku tal-Iżvilupp; Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura; Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp; Bank Dinji
2021	President tal-Kunsill ECOFIN matul il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
2010 – 2014	Membru tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali
2010 – 2014	Membru tal-Kunsill Superjuri tal-Istatistika
2010 – 2013	Membru tal-Kunsill Ġenerali tal-Istitut Universitarju ta' Liżbona
2009 – 2013	Direttur tal-programm tad-Dottorat għall-Ekonomija fl-Istitut Universitarju ta' Liżbona
2009 – 2010	President tal-Kunsill Xjentifiku tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-Istitut Universitarju ta' Liżbona

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA' JOÃO LEÃO GĦALL-KWESTJONARJU

Kwestjonarju għal Kandidati għas-Sħubija fil-Qorti tal-Awdituri

Esperjenza professjonali

1. Jekk jogħġbok elenka l-esperjenza professjonali tiegħek fil-finanzi pubbliċi, sew jekk hija fl-ippjanar baġitarju, fl-implimentazzjoni jew fil-ġestjoni tal-baġit, jew fil-kontroll jew l-awditjar tal-baġit.

Il-ħajja tax-xogħol tiegħi hija ddedikata għas-servizz pubbliku u l-finanzi pubbliċi. Kelli kariga rilevanti b'responsabbiltajiet għall-ippjanar baġitarju, l-implimentazzjoni tal-baġit, il-kontroll tal-baġit u l-awditjar. Kont il-Ministru tal-Istat għall-Finanzi u s-Segretarju tal-Istat għall-Baġit tal-Portugall, u okkupajt karigi ta' tmexxija f'entitajiet pubbliċi b'responsabbiltà f'dawn l-oqsma, apparti li kont professur universitarju tal-ekonomija u l-finanzi pubbliċi.

Bħala Ministru għall-Finanzi tal-Portugall (2020-2022), kelli r-responsabbiltà finali għall-abbozzar tal-Baġit tal-Istat Portugiż. Dan kien jinvolvi l-ippjanar u t-tbassir tan-nefqa u d-dħul tal-Baġit tal-Istat, u l-koordinazzjoni tal-miżuri ewlenin li kellhom jiġu introdotti fil-baġit. Kont responsabbli wkoll għall-istabbiliment tar-regoli għall-abbozzar u għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri. Barra minn hekk, kont responsabbli għall-ippjanar finanzjarju fuq terminu medju tal-Istat Portugiż, għall-abbozzar tal-Programm ta' Stabbiltà u għall-konformità mar-regoli baġitarji Ewropej. Dan kien jirrikjedi ħidma mill-qrib ma' kuntatti interni u koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Matul dan il-perjodu, kelli r-responsabbiltà finali fil-Portugall għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Baġit tal-Istat Portugiż sabiex niżgura li l-miri stabbiliti jintlaħqu bl-aktar mod effiċjenti possibbli.

Bħala Ministru għall-Finanzi, issorveljajt l-Awtorità tal-Awditjar tal-Portugall, l-Ispettorat Ġenerali tal-Finanzi (Inspeção Geral de Finanças – Autoridade de Auditoria, IGF), li huwa responsabbli għall-awditi finanzjarji u baġitarji interni – u l-awtorità tal-awditjar għall-implimentazzjoni tal-Fondi Ewropej fil-Portugall. F'din il-kariga, kelli r-responsabbiltà għas-superviżjoni u l-approvazzjoni ta' għadd kbir ta' awditi tal-konformità, finanzjarji u tal-prestazzjoni mwettqa mill-IGF. Tajt ukoll attenzjoni mill-qrib lill-awditi tal-Qorti tal-Awdituri Portugiża, bħala awtorità tal-awditjar esterna indipendenti, u r-rakkomandazzjonijiet tagħha ġew ikkunsidrati, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja tal-Istat, fl-abbozzar tal-Baġit tal-Istat u l-Kontijiet Ġenerali tal-Gvern.

Servejt bħala Segretarju tal-Istat għall-Baġit fil-Ministeru tal-Finanzi (2015-2020), fejn kont responsabbli għall-abbozzar ta' ħamsa mill-Baġits tal-Istat tal-Portugall, inkluż appoġġ għall-abbozzar tal-baġits tal-ministeri differenti, u kelli rwol ewlieni fl-istabbiliment tal-allokazzjonijiet tal-baġit tal-ministeri u l-entitajiet pubbliċi ewlenin.

Bħala Segretarju tal-Istat għall-Baġit, kont direttament responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ġenerali tal-Baġit tal-Istat Portugiż. Dan kien jinkludi r-responsabbiltà għall-iżgurar li d-diversi entitajiet pubbliċi jaħdmu fil-baġits tagħhom. Matul l-implimentazzjoni tal-baġit, kont responsabbli wkoll għall-ġestjoni tat-tisħiħ u r-riallokazzjoni tal-allokazzjonijiet tal-baġit bejn il-ministeri u l-aġenziji pubbliċi, fil-limitazzjonijiet legali stabbiliti fil-Baġit tal-Istat.

Kelli wkoll ir-responsabbiltà, wara l-implimentazzjoni finali ta' kull baġit, għar-rapportar u l-obbligu ta' rendikont lill-Parlament tal-pajjiż permezz tat-tħejjija tal-Kontijiet Ġenerali tal-

Gvern. Kelli wkoll ir-responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit matul issena u għall-abbozzar ta' rapporti ta' kull xahar dwar l-implimentazzjoni tal-Baġit tal-Istat.

Barra minn hekk, kont responsabbli għall-implimentazzjoni ta' riforma ambizzjuża tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u għall-emendi tal-Liġi Qafas tal-Baġit li kienu meħtieġa biex tiġi implimentata dik ir-riforma.

Bħala Segretarju tal-Istat għall-Baġit, issorveljajt ukoll l-IGF (l-entità responsabbli għall-awditi interni tal-Istat Portugiż) bħala parti mill-awditjar u l-evalwazzjoni tal-legalità u r-regolarità tan-nefqa pubblika mis-servizzi pubbliċi. Bħala tali, kont responsabbli għall-analiżi u l-approvazzjoni ta' għadd kbir ħafna ta' awditi tal-entitajiet pubbliċi differenti tal-Portugall imwettqa mill-IGF.

Fis-snin li fihom okkupajt karigi ta' tmexxija fil-Ministeru tal-Finanzi, bħala Ministru għall-Finanzi u bħala Segretarju tal-Istat għall-Baġit, abbozzajt u implimentajt seba' Baġits tal-Istat. Għalhekk kont wieħed mill-uffiċjali primarji fil-Ministeru tal-Finanzi responsabbli għall-irkupru tal-finanzi pubbliċi fil-Portugall matul l-aħħar għaxar snin. Fl-2022, il-Portugall kellu defiċit baġitarju ta' 0,3 % biss tal-PDG, wieħed mill-aktar baxxi fl-Unjoni Ewropea (UE). Il-Portugall kiseb ukoll it-tielet l-akbar tnaqqis fid-dejn pubbliku tiegħu fl-UE bejn l-2015 u l-2022.

Bħala Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju tar-Riċerka tal-Ministeru tal-Ekonomija (2010-2014), l-entità responsabbli għall-ippjanar u l-istrateġija tal-Ministeru tal-Ekonomija, kont responsabbli għall-assistenza u l-monitoraġġ tal-abbozzar tal-baġits tal-entitajiet ta' dak il-Ministeru, u l-iffissar tal-miri u l-objettivi korrispondenti tagħhom. Kont responsabbli wkoll għall-assistenza, il-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom u għall-appoġġ tal-Ministeru tal-ekonomija f'dan il-qasam.

Bħala Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju tar-Riċerka, kont responsabbli wkoll għad-dipartiment tal-finanzi, jiġifieri għall-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-baġit ta' dak id-Direttorat Ġenerali. Bħala Viċi Rettur ta' università (mill-2022), jien nappoġġja l-abbozzar tal-baġit tal-università, u jien responsabbli mis-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti ta' investiment ewlenin tagħha.

Fl-aħħar nett, bħala professur tal-ekonomija u tal-finanzi pubbliċi, l-enfasi ċentrali tar-riċerka akkademika u tal-karriera tiegħi kienet li nippromwovi l-effiċjenza fl-użu tal-fondi pubbliċi u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

2. X'inhuma l-aktar kisbiet sinifikanti li kellek matul il-karriera professjonali tiegħek?

Waħda mill-kisbiet ewlenin tal-karriera professjonali tiegħi kienet il-kontribut tiegħi għall-progress pożittiv ħafna fil-finanzi pubbliċi tal-Portugall matul il-perjodu li fih servejt fil-Ministeru tal-Finanzi (2015-2022), bħala Ministru għall-Finanzi tal-Portugall u bħala Segretarju tal-Istat għall-Baġit. Dan il-progress irriżulta mill-qofol tal-isforzi u r-riformi implimentati fil-Portugall matul l-aħħar għaxar snin.

B'riżultat ta' din il-ħidma, fl-2019 il-Portugall kiseb l-ewwel surplus baġitarju tiegħu f'dawn l-aħħar 50 sena. Wara l-pandemija, fl-2021, il-Portugall kien fost l-ewwel pajjiżi Ewropej li reġa' lura għal defiċit baġitarju ta' inqas minn 3 %, filwaqt li fl-2022 kellu defiċit baġitarju ta' 0,3 % biss, wieħed mill-aktar baxxi fl-UE.

Bejn l-2015 u l-2022, il-Portugall kiseb it-tieni l-akbar tnaqqis fid-defiċit baġitarju tiegħu fl-

UE, u t-tielet l-akbar tnaqqis fid-dejn pubbliku (bħala % tal-PDG). Fl-2015, meta bdejt nokkupa l-kariga tiegħi fil-Ministeru tal-Finanzi, il-Portugall kien għadu soġġett għall-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, b'defiċit baġitarju ta' 4,4 %, minkejja sforzi preċedenti. F'dawn l-aħħar snin, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-Portugall ġiet imfaħħra b'mod qawwi minn istituzzjonijiet internazzjonali bħall-Kummissjoni Ewropea u l-FMI. Fl-2015, id-dejn pubbliku tal-Portugall ġie kklassifikat fil-kategorija ta' grad spekulattiv. Issa għandu klassifikazzjoni A u l-Portugall bħalissa jappartjeni għall-grupp ta' pajjiżi tal-UE ffinanzjati bl-aktar rati tal-imgħax baxxi fis-swieq finanzjarji. Dan il-progress pożittiv ħafna fil-finanzi pubbliċi seħħ f'xenarju fejn l-irkupru tal-ekonomija u tal-impjiegi nkiseb flimkien mal-implimentazzjoni ta' politiki soċjali u ambjentali importanti, kif ukoll politiki biex tittejjeb il-kompetittività tal-pajjiż.

Stadju importanti ieħor tal-karriera professjonali tiegħi kien dak tal-ġestjoni ekonomika u finanzjarja matul il-pandemija. Bħala Ministru għall-Finanzi, kelli r-responsabbiltà fil-gvern għan-negozjar, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-miżuri ewlenin tal-impatt finanzjarju biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-pandemija f'kuntest inċert ħafna. F'perjodu qasir ta' żmien, kien meħtieġ li jiġu approvati skemi ġodda eċċezzjonali biex jappoġġjaw il-familji u l-impjiegi, kif ukoll miżuri li jappoġġjaw lin-negozji u jippreżervaw il-kapaċità produttiva tal-pajjiż. Dawn il-programmi ġodda u b'firxa wiesgħa kienu jinkludu l-miżura ta' "sensji" (li appoġġjat parti sinifikanti tas-salarji tan-negozji fis-setturi affettwati), appoġġ eċċezzjonali għall-ħaddiema qiegħda u għal dawk li jaħdmu għal rashom, skemi ewlenin għall-finanzjament tal-likwidità tal-kumpaniji u appoġġ speċjali għas-setturi l-aktar affettwati, inklużi t-trasport, it-turiżmu u l-catering. Dan il-programm ta' miżuri kien parzjalment iffinanzjat minn skemi Ewropej bħal SURE u REACT-EU.

Sadanittant, b'dan ix-xogħol kollu inkluż, kien meħtieġ li jiġu attivati l-istrutturi u l-proċeduri superviżorji kollha meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni finanzjarja ta' dawn l-iskemi fl-interessi tar-regolarità u l-effiċjenza ekonomika.

Dawn il-politiki pubbliċi eċċezzjonali kellhom eżiti pożittivi ħafna għall-impjiegi u għall-preżervazzjoni tal-kapaċità produttiva tal-ekonomija Portugiża. Għalkemm il-pandemija kkawżat l-akbar tnaqqis fl-attività ekonomika mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, l-impjiegi fil-Portugall baqgħu relattivament stabbli, u, fl-2022, wara tmiem il-pandemija, l-impjiegi laħqu livell rekord. L-ekonomija rkuprat malajr fl-2022 ukoll, u l-PDG kien diġà 3,5 % ogħla mil-livell tiegħu fl-2019, is-sena ta' qabel il-pandemija. Sadanittant, kien hemm titjib malajr fil-finanzi pubbliċi, u sal-2022 kienu kważi f'bilanċ, b'defiċit baġitarju ta' 0,3 % biss, wieħed mill-aktar baxxi fl-UE. Il-ġestjoni tajba tal-finanzi pubbliċi matul il-pandemija kienet fattur fundamentali. Ma kien hemm ebda eżitazzjoni biex jingħata appoġġ qawwi lin-negozji u lill-familji, iżda kien hemm ukoll tħassib li l-appoġġ għandu jkun immirat (lejn dawk l-aktar affettwati) u għandu jkun ta' natura temporanja, sabiex meta tintemm il-pandemija, il-finanzi pubbliċi jkunu jistgħu jirkupraw malajr.

3. X'kienet l-esperjenza professjonali tiegħek ta' organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet internazzjonali, multikulturali u multilingwi bbażati barra pajjiżek?

Jien ikkoordinajt l-ECOFIN matul il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-ewwel nofs tal-2021. Bħala Ministru għall-Finanzi, kont membru tal-ECOFIN u tal-Grupp tal-Euro, u pparteċipajt fil-laqgħat tagħhom kull xahar. Id-dmirijiet tal-koordinatur tal-ECOFIN, u dawk tal-membri tal-ECOFIN u tal-Grupp tal-Euro, involvew kuntatti multilaterali u bilaterali

mill-qrib u frekwenti mal-gvernijiet ta' diversi pajjiżi Ewropej u mal-istituzzjonijiet tal-UE, bħall-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew.

Ġejt elett President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) filwaqt li kont il-Ministru għall-Finanzi Portugiż (2021-2022).

Kont membru tal-Bord tal-Gvernaturi ta' istituzzjonijiet internazzjonali bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà; il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp; il-Bank Ewropew tal-Investiment; il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp; il-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp; il-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura; Il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp u l-Bank Dinji (2020-2022), bħala l-Ministru għall-Finanzi tal-Portugall.

Bħala Direttur tal-Uffiċċju tar-Riċerka tal-Ministeru tal-Ekonomija, kelli kuntatti u laqgħat frekwenti ħafna, inkluża l-parteċipazzjoni fi gruppi ta' ħidma, ma' istituzzjonijiet internazzjonali bħall-OECD, l-FMI, il-Bank Dinji u l-Kummissjoni Ewropea.

Lestejt id-Dottorat tiegħi fl-Ekonomija u ħdimt fl-Istitut tat-Teknoloġija ta' Massachusetts (MIT) fl-Istati Uniti (2003-2008), università b'enfasi internazzjonali qawwi, fejn il-biċċa l-kbira tal-letturi, ir-riċerkaturi u l-istudenti huma minn madwar id-dinja kollha.

4. Ingħatajt kwittanza għad-dmirijiet ta' ġestjoni li kont twettaq qabel, jekk tapplika proċedura bħal din?

Il-Portugall ma għandux proċedura ta' kwittanza simili għal dik tal-UE. Madankollu, bħala parti mill-obbligu ta' rendikont li jien marbut bih, fis-seba' snin li servejt bħala Ministru għall-Finanzi, li matulhom kont responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit billi approvajt il-Kontijiet Ġenerali tal-Gvern, il-Parlament Portugiż dejjem ta kwittanza.

5. Liema mill-karigi professjonali preċedenti tiegħek kienu r-riżultat ta' ħatra politika?

Jien inħtart Ministru tal-Istat għall-Finanzi (2020-2022) u Segretarju tal-Istat għall-Baġit (2015-2020) mill-President tar-Repubblika tal-Portugall, wara li ġejt innominat mill-Prim Ministru. Servejt f'dawn ir-rwoli f'kapaċità indipendenti, mingħajr ma kont parti minn xi partit politiku.

Inħtart Direttur tal-Uffiċċju tar-Riċerka tal-Ministeru tal-Ekonomija (2010-2013 u 2013-2014), u kont Konsulent tas-Segretarju tal-Istat għall-Ekonomija (2009-2010).

6. X'inhuma t-tliet deċiżjonijiet l-aktar importanti li kont parti minnhom fil-ħajja professjonali tiegħek?

L-ewwel nett, bħala Ministru għall-Finanzi, id-deċiżjoni dwar il-pakkett ta' miżuri ta' appoġġ ekonomiku u finanzjarju li għandhom l-għan li jindirizzaw il-pandemija. F'sitwazzjoni diffiċli, ġdida u inċerta ħafna, kelli ninnegozja u niddeċiedi dwar il-programm ta' miżuri li kienu vitali għall-protezzjoni tal-familji u l-preżervazzjoni tal-impjiegi, in-negozji u l-kapaċità produttiva tal-ekonomija Portugiża matul il-pandemija, filwaqt li fl-istess ħin niżgura li dawn jiġu implimentati f'qafas ta' regolarità u skrutinju.

It-tieni, id-deċiżjonijiet dwar ir-riformi baġitarji u finanzjarji u miżuri li kellhom l-għan li jtejbu l-istatus tal-finanzi pubbliċi tal-Portugall waqt li kont Ministru għall-Finanzi u Segretarju tal-Istat għall-Baġit bejn l-2015 u l-2022. Din is-sensiela ta' miżuri kienet deċiżiva għall-kapaċità tal-Portugall li joħroġ mill-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv li kien soġġett għaliha mill-2015,

b'defiċit baġitarju ta' 4,4 % għal defiċit baġitarju ta' 0,3 % biss fl-2022, wieħed mill-aktar baxxi fl-UE, u biex kellu t-tielet l-akbar tnaqqis fid-dejn pubbliku fl-UE bejn l-2015 u l-2022.

Fl-aħħar nett, bħala Ministru għall-Finanzi u Segretarju tal-Istat għall-Baġit fi gvern minoritarju, matul is-snin, u matul seba' baġits, kelli rwol ewlieni fin-negozjar tal-Abbozz tal-Baġit tal-Istat tal-Portugall u l-miżuri rispettivi, sabiex nikseb l-appoġġ ta' diversi partiti oħra fil-Parlament Portugiż. Dawn kienu deċiżjonijiet diffiċli u importanti ħafna, minħabba li l-approvazzjoni tal-Baġit tal-Istat u l-istabbiltà politika u ekonomika li rriżultat kienu jiddependu minnhom. Fl-istess ħin, kien essenzjali li jiġi żgurat li l-pakkett ta' miżuri stabbilit fil-baġit ikun effettiv u effiċjenti, u li dan jgħin biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Portugall.

Indipendenza

7. It-Trattat jistipula li l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri jridu jkunu "kompletament indipendenti" fil-qadi ta' dmirijiethom. Kieku inti kif twettaq dan l-obbligu fil-qadi tad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

L-indipendenza hija wieħed mill-valuri fundamentali li għandhom jiggwidaw il-ħidma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), kif stabbilit fit-Trattat u fil-Kodiċi ta' Kondotta tal-QEA.

Li tkun indipendenti jfisser li ma taċċetta l-ebda struzzjoni minn xi gvern jew minn kwalunkwe entità pubblika jew privata oħra. Dan ifisser ukoll li ma jkollok l-ebda influwenza li tista' tikkompromметti, jew tidher li tikkompromметti, it-twettiq tad-dmirijiet bħala membru tal-QEA.

Ma għandi l-ebda kariga politika, u lanqas ma għandi attivitajiet jew interessi kummerċjali oħra li jistgħu jqajmu xi dubji dwar l-indipendenza tiegħi.

Nimpenja ruħi li, jekk ninħatar bħala membru tal-QEA, inwettaq il-mandat tiegħi b'mod imparzjali u indipendenti, u li nibbaża l-ġudizzju professjonali tiegħi fuq evidenza empirika u data oġġettiva, adegwata u affidabbli.

Jekk qatt, fil-qadi ta' dmirijieti, niltaqa' ma' kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali, jew sitwazzjoni li sempliċiment tidher li hija kunflitt ta' interess, se nieħu azzjoni minnufih, u se nfittex l-opinjoni tal-Kumitat tal-Etika u tal-President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Jekk ikun meħtieġ, se nirtira mill-attività kkonċernata, f'konformità stretta mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-membri tal-QEA, kif ukoll mal-qafas etiku tal-membri tagħha.

Matul il-karriera professjonali tiegħi, u fir-rwoli differenti li wettaqt, kont iggwidat mill-prinċipji ta' indipendenza, rigorożità u oġġettività.

8. Inti jew qrabatek intimi (ġenituri, aħwa, sieħeb/sieħba legali u tfal) għandek jew għandhom xi parteċipazzjoni tan-negozju jew parteċipazzjoni finanzjarja, jew xi impenji oħra, li potenzjalment huma f'kunflitt mad-dmirijiet prospettivi tiegħek?

Le. La jien u lanqas il-qraba intimi tiegħi ma għandhom xi ishma jew impenji li huma f'kunflitt ma' dmirijieti bħala membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

9. Lest tiżvela l-interessi finanzjarji tiegħek kollha u impenji oħra lill-President tal-Qorti, u li tagħmilhom pubbliċi?

Iva, lest li niżvela l-interessi u l-impenji finanzjarji kollha tiegħi u nagħmilhom pubbliċi.

Minħabba d-dmirijiet ta' servizz pubbliku li wettaqt fil-passat, kien possibbli li neżamina l-interessi u l-impenji finanzjarji tiegħi mill-2010.

10. Inti involut f'xi proċedimenti legali attwali? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

Le, m'iniex.

11. Għandek xi rwol attiv jew eżekuttiv fil-politika, jekk iva, f'liema livell? Okkupajt xi kariga politika f'dawn l-aħħar 18-il xahar? Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina d-dettalji.

Le, bħalissa ma nwettaq l-ebda attività jew rwol eżekuttiv fil-politika, u ma kelli l-ebda pożizzjoni politika matul l-aħħar 18-il xahar. Barra minn hekk, qatt ma kont parti minn xi partit politiku. Id-dmirijiet pubbliċi li wettaqt fil-passat dejjem kienu f'kapaċità indipendenti.

12. Se tirtira minn kwalunkwe kariga li ġejt elett fiha jew titlaq kull funzjoni attiva b'responsabbiltajiet f'partit politiku jekk tinħatar Membru tal-Qorti?

Kif għedt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 11, bħalissa ma għandi l-ebda kariga eletta jew kariga politika f'partit, u ma għandi l-intenzjoni li ningħaqad mal-ebda partit politiku.

13. Kif tittratta irregolarità serja jew saħansitra każ ta' frodi u/jew korruzzjoni li jinvolvi persuni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħek?

Il-każijiet kollha ta' irregolarità jew frodi jridu jiġu ttrattati eżattament bl-istess mod, irrispettivament mill-Istat Membru. Nemmen li l-frodi u l-korruzzjoni huma kompletament inaċċettabbli u nippromwovi politika ta' tolleranza żero f'dan ir-rigward.

Jekk jiġi identifikat xi suspett ta' frodi jew korruzzjoni fil-ħidma tal-awditjar, dan jintbagħat minnufih lill-OLAF jew lill-UPPE, kif xieraq, f'konformità sħiħa mal-proċeduri tal-QEA. F'dak il-każ, nappoġġja bis-sħiħ lit-timijiet tal-awditjar u naħdem f'kollaborazzjoni mas-Servizz Legali u l-President tal-QEA.

Qadi tad-dmirijiet

14. X'għandhom ikunu l-karatteristiċi ewlenin ta' kultura ta' ġestjoni finanzjarja tajba fi kwalunkwe servizz pubbliku? Kif tista' l-QEA tgħin biex issaħħaħha?

Ġestjoni finanzjarja tajba hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-politiki u d-deċiżjonijiet pubbliċi jrendu l-akbar benefiċċju għaċ-ċittadini u jgħinu biex tinbena l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

Ġestjoni finanzjarja tajba trid tiżgura prestazzjoni ekonomika u finanzjarja soda, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività: Din trid tiżgura li l-fondi pubbliċi jintużaw b'mod effiċjenti, filwaqt li tiggarantixxi l-aħjar relazzjoni possibbli bejn il-fondi applikati u l-ilħuq tal-objettivi, u trid tippromwovi l-effettività: fi kliem ieħor, il-kapaċità li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti.

L-objettivi tal-miżuri u l-programmi jridu jiġu stabbiliti minn qabel u abbażi ta' deċiżjoni

infurmata dwar il-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom. Il-progress fl-ilħuq tal-objettivi jrid jiġi mmonitorjat skont indikaturi xierqa. Kif previst fl-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju, l-objettivi jridu jkunu speċifiċi, li jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u marbuta biż-żmien. Irid ikun hemm l-akbar trasparenza fl-implimentazzjoni tal-baġit u l-programmi tiegħu. L-implimentazzjoni tiegħu trid tiġi rrapportata regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Kultura ta' ġestjoni finanzjarja tajba trid tiżgura li l-informazzjoni u d-data jkunu faċilment aċċessibbli u jinftiehmu, biex ikun jista' jsir skrutinju demokratiku adegwat.

Iridu jiġu stabbiliti mekkaniżmi b'saħħithom ta' skrutinju intern biex jippermettu valutazzjoni xierqa tar-riskji u jiggarantixxu l-kwalità u l-akkuratezza tal-informazzjoni rrapportata, ir-regolarità u l-legalità tan-nefqa mġarrba, u l-effiċjenza u l-effettività fl-użu tal-fondi pubbliċi.

L-użu tajjeb tat-teknoloġija tal-informazzjoni huwa essenzjali għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja u s-sistemi ta' kontroll intern.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) għandha rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-prinċipju ta' ġestjoni tajba tal-finanzi pubbliċi. Hija l-missjoni tal-QEA li twettaq awditi u rapporti biex tivvaluta l-kwalità tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, jiġifieri jekk tirrispettax il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tan-nefqa. Għalhekk, il-QEA tikkontribwixxi għal aktar trasparenza u obbligu ta' rendikont min-naħa ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u għal ġestjoni finanzjarja pubblika soda. Il-ħidma tal-QEA tipprovdi inċentiv *ex ante* b'saħħtu għall-entitajiet pubbliċi biex jippromwovu ġestjoni finanzjarja tajba minħabba li jafu li se jiġu vvalutati bir-reqqa u b'mod trasparenti mill-QEA, l-awditur estern indipendenti tal-UE. Barra minn hekk, l-awditi tal-QEA jgħinu biex jiġu identifikati nuqqasijiet u oqsma fejn il-prestazzjoni finanzjarja għandha titjieb, u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kif dan għandu jsir. Dawn imbagħad jistgħu jintużaw minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex itejbu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Huwa importanti li jiġu enfasizzati mhux biss in-nuqqasijiet iżda wkoll il-prattiki tajbin li jistgħu jiġu segwiti.

Sabiex ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA jkollhom impatt, huwa importanti li dawn isiru b'mod ċar u preċiż, u li jkun hemm segwitu sussegwenti biex jiġi vvalutat jekk humiex qed jiġu implimentati. Ix-xogħol tal-awditjar tal-QEA se jkollu wkoll impatt akbar jekk isir fil-ħin, sabiex ikun jista' jintuża minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u mill-uffiċjali pubbliċi, u jekk ikun hemm relazzjoni ta' ħidma tajba mal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) tal-Parlament Ewropew, sabiex il-ħidma tagħha fl-ispezzjoni tal-baġit tal-UE tkun tista' tieħu mill-informazzjoni prodotta mill-QEA.

15. Skont it-Trattat, il-Qorti għandha l-obbligu li tassisti lill-Parlament huwa u jeżerċita s-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit. Kieku inti kif tkompli ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti u l-Parlament Ewropew (b'mod partikolari, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu) biex issaħħaħ sew is-sorveljanza pubblika fuq l-infiq ġenerali kif ukoll il-kosteffettività ta' dak l-infiq?

Il-Parlament Ewropew għandu rwol vitali fl-ispezzjoni u l-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE sabiex jiżgura li l-infiq jitwettaq f'konformità mal-liġi u bl-aktar mod effettiv u effiċjenti bil-ħsieb li tittejjeb ħajjet iċ-ċittadini tal-UE.

Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-QEA huwa li tappoġġja lill-Parlament Ewropew fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni tal-baġit, kif previst fl-Artikolu 287 tat-Trattat. Għalhekk, il-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Kumitat CONT, għandhom ikunu l-eqreb sieħeb tal-QEA, u għandu jsir kull sforz biex tittejjeb il-kooperazzjoni effettiva

bejn dawn l-istituzzjonijiet.

Huwa r-rwol tal-QEA li tipprovdi l-informazzjoni u d-data kollha rilevanti għall-attività tal-Parlament Ewropew. Għandu jkun hemm mezz ta' komunikazzjoni kontinwu u intensiv bejn il-QEA u l-Parlament Ewropew, permezz ta' kuntatti formali jew informali, inklużi laqgħat regolari bejn il-membri tal-QEA u l-CONT u t-timijiet tagħhom, biex ikun jista' jsir l-iskambju ta' informazzjoni, fehmiet u prijoritajiet. Dan se jippermetti lill-QEA tikseb fehim aħjar tal-ħtiġijiet tal-Parlament Ewropew u ta' kif l-aħjar li tilħaqhom.

Ir-rapportar tal-QEA lill-Parlament Ewropew għandu jiżdied. Fl-istabbiliment tal-programm ta' ħidma tal-QEA, huwa kruċjali li jitqiesu l-ideat u t-tħassib tal-Parlament sabiex jirriflettu l-prijoritajiet tiegħu u sabiex ikunu jistgħu jiġu ssuġġeriti s-suġġetti li għandhom jiġu awditjati. Din l-interazzjoni tal-QEA mal-Parlament hija deċiżiva fl-għażla tal-aktar suġġetti importanti, rilevanti u li jħallu impatt. Biex tissaħħaħ is-superviżjoni tal-kwalità meta mqabbla mal-prezz fl-infiq, huwa importanti wkoll li jiżdied l-għadd ta' rapporti speċifiċi u speċjali f'oqsma ta' riskju akbar u b'impatt ekonomiku u finanzjarju għoli.

Barra minn hekk, ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-QEA jridu jiġu ppreżentati fil-ħin u flimkien mal-proċess ta' kwittanza u l-proċess leġiżlattiv, sabiex ikunu jistgħu jkunu rilevanti kemm jista' jkun għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Bħala tali, il-QEA għandha tfittex li tkun proattiva u timmonitorja l-aġenda leġiżlattiva sabiex tkun tista' tkun lesta li twieġeb malajr meta tintalab tagħmel dan.

16. X'valur miżjud taħseb li jġib miegħu l-awditjar tal-prestazzjonijiet u s-sejbiet kif għandhom jiġu inkorporati fil-proċeduri ta' ġestjoni?

L-awditjar tal-prestazzjoni huwa komponent ewlieni tal-awditjar. Dan jikkomplementa l-awditjar finanzjarju u tal-konformità, u kompla jkollu importanza akbar f'dawn l-aħħar snin.

Filwaqt li nżommu f'moħħna li l-fondi pubbliċi huma dejjem limitati, irridu niżguraw li l-fondi jintużaw bl-aħjar mod possibbli biex iservu lill-UE u liċ-ċittadini tagħha. L-awditjar tal-prestazzjoni jivvaluta speċifikament l-ekonomija, l-effettività u l-effiċjenza fl-użu tal-fondi pubbliċi: huwa importanti li tiġi vvalutata mhux biss l-effettività, jiġifieri, jekk l-objettivi stabbiliti humiex qed jintlaħqu, iżda wkoll l-effiċjenza, jiġifieri, jekk il-benefiċċji prodotti humiex qed jinkisbu bl-inqas kost possibbli, jew jekk bil-kostijiet relatati jkunx possibbli li jiġu żgurati benefiċċji akbar għaċ-ċittadini.

L-awditjar tal-prestazzjoni għandu valur miżjud għoli u għandu impatt pożittiv ħafna fuq is-soċjetà. Dan jgħin biex itejjeb il-politiki u d-deċiżjonijiet pubbliċi, iżid l-effettività u l-effiċjenza tagħhom, u għalhekk jikkontribwixxi għall-benesseri taċ-ċittadini tal-UE.

Fi dmirijieti fil-Ministeru tal-Finanzi, wieħed mill-aspetti ewlenin li mmotivani kien li ngħin biex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-Istat Portugiż u l-politiki pubbliċi tiegħu. Bħala Ministru għall-Finanzi, u qabel dan bħala Segretarju tal-Istat għall-Baġit, il-prijorità tiegħi kienet li nivvaluta l-effettività u l-effiċjenza potenzjali u l-miżuri kollha proposti mid-dipartimenti differenti tal-gvern li kellhom impatt ekonomiku u finanzjarju. Żgurajt ukoll li saru bidliet fil-miżuri stabbiliti sabiex tittejjeb l-effiċjenza tagħhom. Bħala tali, li jkun hemm rapporti dwar l-awditjar tal-prestazzjoni, jew analiżijiet oħra tal-prestazzjoni, li vvalutaw b'mod rigoruż u oġġettiv l-effettività u l-effiċjenza ta' programmi jew miżuri eżistenti, u li kellhom proposti ċari u fattibbli għal bidliet li setgħu jtejbu l-effiċjenza u l-effettività tagħhom, kien utli ħafna, u spiss deċiżiv.

Bħala Direttur tal-Uffiċċju tar-Riċerka tal-Ministeru għall-Ekonomija, wieħed mid-dmirijiet ewlenin tiegħi kien li nivvaluta l-effiċjenza u l-effettività tal-miżuri ewlenin fil-Ministeru tal-Ekonomija, spiss bl-użu ta' rapporti dwar il-prestazzjoni flimkien ma' analiżijiet u sorsi ta' informazzjoni oħra. Barra minn hekk, bħala professur tal-ekonomija u tal-finanzi pubbliċi, il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-fondi pubbliċi minn dejjem kienet enfasi ċentrali tal-karriera akkademika u r-riċerka xjentifika tiegħi.

Fil-fehma tiegħi, fil-valutazzjoni tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki u l-programmi pubbliċi, l-awditi tal-prestazzjoni għalhekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti ħafna għat-titjib tat-tfassil tal-politika pubblika u biex jgħinu lid-deċiżuri u lill-uffiċjali jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati dwar l-allokazzjoni tal-fondi pubbliċi. Barra minn hekk, l-awditi tal-prestazzjoni jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar kif tista' tittejjeb il-prestazzjoni tal-programmi u l-miżuri. Fl-aħħar nett, l-awditi tal-prestazzjoni jgħinu biex tiżdied it-trasparenza fir-rigward tal-effiċjenza u l-effettività fl-użu tal-fondi pubbliċi. Għalhekk, l-awditi tal-prestazzjoni jgħinu biex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-uffiċjali pubbliċi jinżammu responsabbli, u biex jinħoloq kuntest li jkun aktar favorevoli għall-introduzzjoni ta' riformi u bidliet li jtejbu l-politiki u l-programmi pubbliċi.

17. Kif tista' tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Awdituri, l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' awditjar u l-Parlament Ewropew (il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit) rigward l-awditjar tal-baġit tal-UE?

It-tliet istituzzjonijiet kollha għandhom l-istess objettiv li jikkontribwixxu għal ġestjoni finanzjarja pubblika tajba u l-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi pubbliċi. Minħabba din ir-raġuni, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn dawn l-entitajiet huwa kruċjali għat-titjib tal-effiċjenza tal-awditjar tal-baġit tal-UE.

Kif semmejt fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 15, il-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Kumitat CONT, għandu jkun l-eqreb sieħeb tal-QEA fit-twettiq tal-mandat tagħha, u l-parti kkonċernata ewlenija tagħha. Il-kooperazzjoni bejn dawn l-entitajiet għandha tkompli tissaħħaħ u tittejjeb. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat li jkun hemm komunikazzjoni mill-qrib u regolari bejn iż-żewġ entitajiet, inklużi laqgħat formali u informali, bejn il-membri tal-Kumitat CONT u tal-QEA. Dan se jippermetti lill-QEA tabbozza rapporti u tipprovdi informazzjoni li tirrifletti bl-aħjar mod il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-Kumitat CONT. It-tisħiħ tal-komunikazzjoni u l-iskambju tal-ideat se jgħinu lill-QEA tinkorpora suġġetti fl-aġenda tax-xogħol tal-awditjar tagħha li jitqiesu bħala l-aktar rilevanti u li għandhom l-akbar impatt. Barra minn hekk, sabiex din l-informazzjoni tkun utli għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew, huwa importanti li tiġi pprovduta fil-ħin.

Nemmen li huwa importanti ħafna li tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-QEA u l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (SAIs) tal-UE. Politiki importanti tal-UE, li jirrappreżentaw madwar 70 % tal-baġit tal-UE, huma ffurmati b'mod kondiviż mal-Istati Membri. Dan ifisser li l-SAIs, u l-korpi l-oħra tal-awditjar tal-Istati Membri, għandhom rwol kruċjali fl-awditjar tal-użu tal-fondi Ewropej fil-livell nazzjonali.

Il-kooperazzjoni bilaterali bejn il-QEA u l-SAIs għandha tiġi approfondita billi jissaħħu l-awditi konġunti. Barra minn hekk, din il-kooperazzjoni għandha tissaħħaħ ukoll permezz ta' strumenti bħal sessjonijiet ta' taħriġ, programmi ta' skambju tal-awdituri u evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-QEA minn SAIs oħra. Eżempju tajjeb kien ir-rieżami bejn il-pari tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-QEA għall-2018-2020, imwettqa minn SAIs oħra.

Fil-livell multilaterali, huwa importanti wkoll li tingħata spinta lill-impatt tal-Kumitat ta' Kuntatt SAI tal-UE, u tal-EUROSAI u l-INTOSAI. Dan jista' jgħin biex jiġu allinjati l-perspettivi dwar l-aktar suġġetti rilevanti li għandhom jiġu awditjati. Il-kooperazzjoni msaħħa bejn l-SAIs, flimkien mal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, hija essenzjali biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u jiġu ottimizzati r-riżorsi permezz ta' awditi konġunti. Għalhekk huwa importanti li l-metodoloġija tal-awditjar u l-interpretazzjoni tar-regoli jiġu armonizzati fost l-SAIs differenti.

L-iżvilupp tal-Prinċipju tal-Awditjar Uniku se jgħin biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tal-awditjar, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-awditjar u jitnaqqas l-għadd ta' awditi li għalihom huma soġġetti l-entitajiet awditjati, u b'hekk jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-fondi Ewropej. Għall-applikazzjoni tal-Prinċipju tal-Awditjar Uniku, huwa essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni b'saħħitha bejn l-entitajiet tal-awditjar differenti. Dan għaliex l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju taħdem tajjeb biss jekk, kif imsemmi, il-metodoloġija tal-awditjar u l-interpretazzjoni tar-regoli jkunu armonizzati fost l-entitajiet tal-awditjar differenti.

18. Kieku inti kif tiżviluppa aktar ir-rapportar tal-QEA biex il-Parlament Ewropew jingħata kull informazzjoni meħtieġa dwar l-akkuratezza tad-data mogħtija mill-Istati Membri lill-Kummissjoni Ewropea?

L-eżistenza ta' data preċiża li hija armonizzata fost l-Istati Membri hija essenzjali biex ikun hemm informazzjoni affidabbli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u l-użu tal-fondi Ewropej. Wieħed mill-kompiti ewlenin tal-QEA huwa preċiżament li tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'data u informazzjoni affidabbli dwar kif qed jiġi implimentat il-baġit.

Fir-rapporti tagħha, il-QEA ġibdet l-attenzjoni għall-ħtieġa li jittejbu l-kwalità u l-akkuratezza tad-data pprovduta mill-Istati Membri, inkluża l-ħtieġa li jittejbu s-sistemi ta' rapportar u monitoraġġ tagħhom. Nemmen li huwa importanti ħafna li l-QEA, fir-rapporti tagħha, tkompli tagħmel aktar dwar dan, u tenfasizza n-nuqqasijiet ewlenin u l-oqsma speċifiċi fejn il-kwalità tal-informazzjoni mhijiex adegwata.

Fil-ħidma tagħha, il-QEA jeħtiġilha tkompli tawditja l-akkuratezza u l-affidabbiltà tad-data pprovduta mill-Istati Membri, kif previst fl-istrateġija tal-QEA għall-2021-2025, inkluż l-awditjar tal-affidabbiltà tas-sistemi tal-ġbir tad-data u s-sistemi ta' kontroll intern korrispondenti tagħhom. Għal dan l-għan, il-QEA għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-kwalità, l-affidabbiltà u l-faċilità tal-aċċess għall-informazzjoni ta' dawn is-sistemi.

Mezz ieħor ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri huwa billi jsir użu akbar tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, kif stabbilit ukoll fl-istrateġija tal-QEA għall-2021-2025. It-teknoloġiji tal-informazzjoni jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti ħafna biex jiġi żgurat aċċess sigur, affidabbli u aktar faċli għall-informazzjoni mill-entitajiet awditjati. Huwa mistenni li l-QEA se ttejjeb l-użu ta' strumenti u tekniki tal-awditjar diġitali ġodda li jippermettu l-ġbir u l-analiżi awtomatizzati tad-data u jisfruttaw il-possibbiltajiet offruti mill-*Big Data* u mill-intelliġenza artifiċjali. Dan tal-aħħar huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-isfidi teknoloġiċi u l-bidliet malajr esperjenzati fl-UE.

Mistoqsijiet oħrajn

19. Tirtira l-kandidatura tiegħek jekk l-opinjoni tal-Parlament dwar il-ħatra tiegħek bħala Membru tal-Qorti ma tkunx favorevoli?

Se nagħmel ħilti, fl-intervisti u fit-tweġibiet għal dan il-kwestjonarju, biex nikseb opinjoni favorevoli mill-Parlament Ewropew, li hija estremament importanti matul il-proċess kollu. Il-Gvern Portugiż innominani abbażi tal-esperjenza tiegħi fil-qasam tal-finanzi pubbliċi, u wara li intervista diversi kandidati fil-Parlament Portugiż. Skont l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, se nikkonsulta lill-Gvern Portugiż dwar il-kandidatura tiegħi.